# KODICI TA' DIXXIPLINA

## 1.00 IS-SETGHA TA' KUMMISSJONI TAD-DIXXIPLINA

1.01 Meta jsir protest, il-Kunsill tal-M.D.A. ghandu jahtar Kummissjoni ta' tlieta min nies, membri ta' l-istess kunsill.

1.02 Il-Kummissjoni hija kompetenti sabiex tisma' xhieda u rapporti konnessi mal-kaz u taghti l-verdett taghha bil-miktub.

1.03 Il-kummissjoni ghandha d-dritt taghzel il-post u l-hin fejn ser tisma' l-kaz, kif ukoll id-data.

1.04 F'Kaz ta player individwali, l-board tad-dixxiplina jrid ikun kompost min tlett membri awtonomi mil-MDA.

1.05 F'Kaz ta player individwali, Il-kummissjoni ghandha d-dritt taghzel il-post u l-hin fejn ser tisma' l-kaz, kif ukoll id-data.

1.06 1.04 u 1.05 tapplika biss fuq kazijiet li jsiru min player fir rigward ta 10.01 u 10.03

## 2.00 OSSERVATURI

2.01 Is-Segretarju Generali jew l-Assistent tieghu ghandu jattendi l-laqgha sabiex jassisti l-Kummissjoni f'dak kollu mehtieg.

2.02 Il-membri kollha tal-kunsill tal-M.D.A. jistghu jattendu bhala osservaturi.

2.03 Ic-centri/plejers konnessi mal-kaz jistghu jkollhom rapprezentant kull wiehed bhala osservatur.

2.04 L-osservatur ma jistax fl-ebda cirkostanza jinterrompi jew iwaqqaf il-laqgha.

2.05 L-MDA ghanda dritt ittella xiehda skond il bzonn f'kull kaz ta dixxiplina.

## 3.00 ASSENZA

3.01 Asenza mill-akkuzat jew rapprezentant tieghu waqt il-laqgha minghajr raguni accettabbli u bil-miktub tfisser amissjoni ta' l-istess akkuzi mill-akkuzat.

## 4.00 AMMISSJONI

4.01 L-akkuzat jista' ma jattendix ghall-laqgha tal-Kunmmissjoni jew huwa jibghat ammissjoni ta' l-akkuza. Din l-ammissjoni trid tkun bil-miktub, iffirmata mill-akkuzat koncernat u ghandha tinkludi dikjarazzjoni li l-piena moghtija lilu tigi accettata.

## 5.00 RESPONSABBILTA' TAC-CENTRU

5.01 Ic-centru huwa responsabbli ghall-imgieba u l-attitudni ta' l-ufficjali, players, membri u partitarji tieghu.

5.02 Ic-centri ghandhom jaccertaw li l-passi dixxiplinarji mehuda mill-kummissjoni tad-Dixxiplina jigu osservati.

## 6.00 KASTIGI

6.01 L-M.D.A., wara s-smiegh tal-protest u l-prezentazzjoni tar-rapport mill-Kummissjoni tad-Dixxiplina, tista' timponi kastigi li huma kklassifikati f'dawn l-erba' gradi:
1. Twissija 2. Sospensjoni 3. Tkeccija (ghal ghomru) 4. Multa

## 7.00 TWISSIJA

Jigu mwissija dawk li:

7.01 jghaddu rimarki lejn:

7.011 ufficjali tal-Kunsill tal-M.D.A.

7.012 ufficjali tal-loghba

7.013 ufficjali tat-team avversarju jew tieghu

7.014 player jew spettatur avversarju jew tat-team tieghu

7.02 jitilqu temporanjament minn loghba minghajr il-permess tar-referee.

7.03 jaghmlu gesti anti-sportivi.

7.04 Tliet twissijiet konsekuttivi fl-istess stagun jammontaw ghal sospensjoni skond id-decizjoni tal-M.D.A..

## 8.00 SOSPENZJONI TA' CENTRU

Centru jigi sospiz jekk:

8.01 ma jaccettax li jipprezenta dokumenti jew affarijiet ohra mitluba mill-M.D.A.. Is-sospenzjoni jkollha perijodu sa ma jigu pprezentati d-dokumenti, ecc msemmija.

8.02 jibdel ismu minghajr il-permess tal-M.D.A. Is-sospenzjoni tkun skond il-gravita' tal-kaz.

8.03 jilghab loghba ta' hbiberija kontra xi centru iehor li jkun sospiz mill-M.D.A. Is-sospenzjoni tkun sa l-ahhar ta' l-istagun.

8.04 jiehu sehem f'attivitajiet u/jew kompetizzjonijiet opposti mill-M.D.A. Is-sospenzjoni tkun sa l-ahhar ta' l-istagun.

8.05 ikun ta' detriment ghall-loghba tad-darts in generali jew ghas-serjeta' tal-M.D.A. Is-sospenzjoni tkun skond id-decizjoni tal-kunsill tal-M.D.A. jew il-Kummissjoni tad-Dixxiplina.

8.06 Fil-kaz li centru jigi sospiz bhal m'hu msemmi f'8.01, 8.02, 8.03 u 8.05, it-team/s u players fi hdan dak ic-centru jigu awtomatikament sospizi ghall-istess perijodu msemmi.

## 9.00 **SOSPENZJONI TA' TEAM**

Team jigi sospiz jekk:

9.01 jiehu sehem f'attivitajiet u/jew kompetizzjonijiet opposti mill-M.D.A. Is-sospenzjoni tkun sa l-ahhar ta' l-istagun.

9.02 jibdel ismu minghajr il-permess tal-M.D.A. Is-sospenzjoni tkun skond il-gravita' tal-kaz.

9.03 ikun ta' detriment ghall-loghba tad-darts in generali jew ghas-serjeta' tal-M.D.A. Is-sospenzjoni tkun skond id-decizjoni tal-kunsill tal-M.D.A. jew il-Kummissjoni tad-Dixxiplina.

## 10.00 **SOSPENZJONI TA' PLAYER**

Player jigi sospiz jekk:

10.01 juri atti ta' maledukazzjoni (bzieq, dagha, kliem vulgari, insulti, gesti offensivi, ingurija, ecc) lejn:

10.011 ufficjal tal-Kunsill tal-M.D.A. Is-sospenzjoni tkun sa mhux aktar minn sena.

10.012 ufficjal ta' loghba. Is-sospenzjoni tkun sa mhux aktar minn sitt xhur.

10.013 ufficjal ta'centru affiljat mal-M.D.A Is-sospenzjoni tkun sa mhux aktar minn 3 xhur.

10.014 player iehor (sieheb jew avversarju). Is-sospenzjoni tkun sa mhux aktar minn 3 xhur.

10.02 jiehu sehem f'attivitajiet u/jew kompetizzjonijiet opposti mill-M.D.A.. Is-sospenzjoni tkun sal l-ahhar ta' l-istagun.

10.03 ikun ta' detriment ghall-loghba tad-darts in generali jew ghas-serjeta' tal-M.D.A. Is-sospenzjoni tkun skond id-decizjoni tal-kunsill tal-M.D.A. jew il-Kummissjoni tad-Dixxiplina.

10.04 jilghab taht identita' falza jew ikun ineligibbli ghat-team. Is-sospenzjoni tkun ta' hames loghbiet. Fil-kaz li player ibiddel ic-centru jew jibda stagun gdid, il-player igorr is-sospenzjoni tieghu.

10.05 Fil-kaz ta' 10.04, it-team jitlef il-punti tal-loghba u c-centru jehel multa ta' €60.00.

## 11.00 **TKECCIJA TA' CENTRU**

Centru jitkecca jekk:

11.01 il-players, ufficjali u/jew il-partitarji tieghu jiggieldu b'oggetti kkunsidrati bhala arma (darts, flixkun, tazza, ecc) jew b'xi parti tal-gisem (sieq, ras, irkoppa, snien, id).

11.02 jipprova jwaqqaf ghaqda bil-ghan sabiex jostakulaw jew ikissru l-M.D.A..

11.03 jinstab hati ta' atti ta' korruzzjoni.

## 12.00 **TKECCIJA TA' TEAM**

Team jitkecca jekk:

12.01 il-players u/jew il-partitarji tieghu jiggieldu b'oggetti kkunsidrati bhala arma (darts, flixkun, tazza, ecc) jew b'xi parti tal-gisem (sieq, ras, irkoppa, snien, id).

12.02 ma jkompliex il-loghba bhala att ta' protesta jew disprezz lejn il-kunsill tal-M.D.A. jew lejn l-avversarju.

## 13.00 **TKECCIJA TA' PLAYER / UFFICJAL / MEMBRU**

Player, ufficjal jew membru jitkecca jekk:

13.01 jiggieled b'oggetti kkunsidrati bhala arma (darts, flixkun, tazza, ecc) jew b'xi parti tal-gisem (sieq, ras, irkoppa, snien, id).

13.02 jipprova jwaqqaf ghaqda bil-ghan sabiex jostakula jew ikisser l-M.D.A..

13.03 jinstab hati ta' atti ta' korruzzjoni.

13.04 ikisser trophy tal-M.D.A..

13.05 ixandar pubblikament kwistjoni/jiet fi hdan l-M.D.A. minghajr il-permess bil-miktub tal-kunsill tal-M.D.A..

## 14.00 **MULTI GHAC-CENTRU**

Centru jigi mmultat jekk:

14.01 jorganizza kompetizzjoni minghajr il-pemress tal-M.D.A.. Il-multa tvarja minn € 12.00 sa € 120.00 skond il-kwalita' tal-kompetizzjoni u l-gravita' tal-kaz.

14.02 ma jkunx irrapprezentat fil-Laqgha Generali Annwali, Laqgha ta' nofs is-Sena u f'xi Laqgha Straordinarja. Il-multa tkun ta' € 25.00 ghal kull kaz.

14.03 ma jirritornax it-trophies tal-M.D.A., fi stat tajjeb u fiz-zmien stipulat fl-istatut tal-M.D.A.. Il-multa tkun ta' € 25.00.

14.04 ma jhalliex lill players u/jew membri tieghu isegwu direttivi mahruga mill-M.D.A.. Il-multa tkun ta' bejn € 12.00 u € 120.00 skond il-gravita' tal-kaz.

14.05 ma josservax ir-regolament dwar l-impustar ta' l-iscore sheet (are 11.07 tar-regolamenti 8-a-side League). Il-multa tkun ta' € 5.00 kull darba.

14.06 ma josservax ir-regolamenti dwar cempil ta' rizultat (ara 12.00 tar-regolamenti 8-a-side League). Il-multa tkun ta' € 5.00 kull darba.

14.07 waqt xi finali u/jew prezentazzjoni organizzata mill-M.D.A. specjalment meta jkun prezenti rapprezentant ta' l-Isponsors ma jkollux prezenti min ta' l-anqas tliet rapprezentanti. Il-multa tkun ta' € 25.00 kull darba.

## 15.00 MULTI GHAT-TEAM

Team jigi mmultat jekk:

15.01 ma jhalliex lill players tieghu isegwu direttivi mahruga mill-M.D.A.. Il-multa tkun ta' bejn € 12.00 u € 120.00 skond il-gravita' tal-kaz.

15.02 jirtira minghajr ragunijiet validi minn kompetizzjoni organizzata mill-M.D.A. Il-multa tkun ta' € 25.00 jekk it-team jirtira qabel ma tibda il-kompetizzjoni,
€ 35.00 waqt il-kompetizzjoni, fis-semi finali € 50.00 u fil-finali € 120.00.

15.03 jaghti walk over. Ghall-ewwel walk over il-multa tkun ta' €12.00. Ghat-tieni walk over il-multa tkun ta' € 25.00. Mat-tielet walk over it-team jigi sospiz sa l-ahhar ta' l-istagun.

15.04 Team avversarju ta' dak f'15.03 li ma jirrapurtax il-kaz jehel l-istess multi imsemmija f'15.03 u jittiehdu passi ohra kontra tieghu jekk jiffalsifika l-iscore sheet.

## 16.00 MULTI GHALL-PLAYER

Player jigi mmultat jekk:

16.01 ma jirritornax it-trophies tal-M.D.A., fi stat tajjeb u fiz-zmien stipulat fl-istatut tal-M.D.A.. Il-multa tkun ta' € 25.00.

1602 b'gesti anti-sportivi lejn l-avversarju waqt loghba, jtellef il-koncentrazzjoni ta' l-istess avversarju. Il-multa tvarja minn € 12.00 sa € 25.00.

16.03 juri arroganza waqt loghba. Il-multa tkun bejn € 12.00 u € 25.00.

16.04 jidghi jew jghid kliem oxxen. Il-multa tvarja bejn € 25.00 u € 120.00.

16.05 waqt kompetizzjonijiet individwali / doubles, wara li jkun tilef il-loghba tieghu, ma jimmarkax il-loghba li jmiss. Il-mutla tkun ta' € 25.00.

## 17.00 REBH TA’ UNURI

17.01 Jekk player ikun assenti waqt prezentazzjoni ta’ xi unur il-player jitlef dan l-unur, sakemm ma jkunx ta’ r-raguni ta’ l-assenza tieghu bil-mitkub, sa gimgha qabel il-prezentazzjoni. Din ir-raguni tista’ tigi vverifikata mill-M.D.A..

## 18.00 MULTI

18.01 Multi mposti fuq centri, teams, players, ufficjali, membri u/jew partitarji iridu jithallsu fi zmien 15 il-jum mill-kundanna. F’nuqqas ta’ hlas f’dan il-perjodu dawk koncernati jigu awtomatikament sospizi sa ma tithallas il-multa.

18.02 Fil-kaz ta’ centru/team mmultat, it-team u l-players ta’ l-istess centru/team ma jithallewx jikkompetu u jitiflu l-punti sa ma tithallas il-multa.

18.03 L-M.D.A. tirriserva d-dritt li tiehu passi dixxiplinarji f’dawk il-kazi li ma jissemmewx f’dawn il-kodici.

## 19.00 INCITAMENT

19.01 Kull min jinstab hati li incita lil haddiehor biex jikkometti xi atti kontemplati f’dan il-kodici jkun komplici u jigi mmultat skond il-gravita’.

## 20.00 RECIDIV

20.01 Kull recidiv (dak l-individwu li jkun diga instab hati f’xi azzjoni li tirrekjedi passi dixxiplinarji) jigi mmultat skond il-gravita’ ta’ l-incitament.

## 21.00 APPLIKAZZJONI

21.01 Il-pieni japplikaw ghall-attivitajiet kollha organizzati mill-M.D.A. u dawk organizzati bil-permess tal-M.D.A. (jekk dawn jigu rrapurtati mill-organizzaturi).

## 22.00 KOMPLICITA’

22.01 Ir-regoli tal-komplicita’ tal-Kodici Kriminali japplikaw ghal dan il-kodici.

23.00 **APPELL**

Fil-kaz ta' Appell:

23.01 Centru/Team irid jiddeposita € 240.00 jekk il-piena hi ta' tkeccija.

23.02 Centru/Team irid jiddeposita € 120.00 f'kaz ta' sospenzjoni.

23.03 Centru/Team irid jiddeposita € 60.00 f'kaz ta' multa.

23.04 Centru/Team irid jiddeposita € 25.00 f'kaz ta' twissija.

23.05 Individwu irid jiddeposita € 120.00 jekk il-piena hi ta' tkeccija.

23.06 Individwu irid jiddeposita € 60.00 f'kaz ta' sospenzjoni.

23.07 Individwu irid jiddeposita € 35.00 f'kaz ta' multa.

23.08 Individwu irid jiddeposita € 12.00 f'kaz ta' twissija.

23.09 Appell jigi accettat biss sa 30 gurnata min meta tigi moghtija s-sentenza.

24.00 **TOURNAMENTS ORGANIZZATI MIL-M.D.A. INKLUZ MALTA OPEN**

24.01 Fl-eventwalita ta protest il-player irid iwaqqaf il-loghba u jigbed l-attenzjoni ta' ufficjal tal-M.D.A. immedjatament.

24.02 Id-Decizjoni trid tittiehed qabel titkompla il-loghba.

24.03 Protest ma jigix kunsidrat u jitqiesu bhala invalidi skond ir regolament 14.10 tad-WDF Playing & Tournament Rules jekk il player ma jkunx gibed l attenzjoni immedjatament waqt il loghba.